MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Numru 483/2005

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**
**vs**
**Ryan Ciappara**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzajoni migjuba kontra:

**Ryan Ciappara** ta' 20 sena, bin Valent u Annie *nee'* Camilleri, mwieled Pieta' fit-8 ta' Novembru, 1985,

residenti f' 'Torrita', Triq il-Fawwara, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita numru 557785M;

1. Talli fil-5 ta' Frar, 2005 ghall-habta tat-3.30 p.m u fil-granet ta' wara, fil-hanut tieghek 'Central Butcher' gewwa s-Siggiewi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamilt qliegh ta' Lm271.65 bi hsara lil Jacquline Camilleri, liema ammont huwa aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000)

2. U aktar talli fl-istess data u hin fi Pjazza San Filippu, Zebbug ikkommettejt serq ta' BOV Cashlink card ghad-detriment ta' Jacqueline Camilleri.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata.

Rat l-artikolu 310 (1b) u 284 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li huwa kkopera mal-Pulizija u li rritorna dak minnu indebitament mehud.

Tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-Art. 22 tal-Kap. 446 u dan wara li l-Qorti staqsietu jekk kienx dispost joqghod taht kundizzjoni f'kaz ta' liberazzjoni.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------